**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 276/14**

**Illum: 12 ta' Diċembru 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Carmelo Xerri**
**(ID 695453(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Carmelo Xerri ta' 59 sena, iben Joseph u Speranza nee` Galea, imwieled il-Mosta, nhar l-4 ta' Ottubru 1953, residenti 63, Triq Sant'Anna, Mosta, u/jew 28 Falspit Apartments Flat 15, Triq il-Mulett, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 695453(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, nhar is-17 ta` Awwissu 2013, kif ukoll fix-xhur qabel din id-data:

a) Ikkoltiva il-pjanta tal-cannabis bi ksur tal-Artikolu 8(c) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha, bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta` Malta;

c) Żamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma, u/jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II rispettivament tal-Att dwar l-Armi mingħajr ma kellu liċenzja taħt dan l-Att bi ksur tal-Artikolu 5(1) tal-istess Att, Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija:

i) tordna l-konfiska tal-arma u munizzjon in kwistjoni, kif ukoll tħassar jew tissospendi l-liċenza maħruġa taħt dan l-Att u tipprojbixxi lil persuna milli jkollha xi liċenza taħt dan l-Att għal żmien mhux iżjed minn ħames snin meta dik il-persuna tinsab ħatja.[1]

ii) barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-ordni ta' l-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Il-fatti fil-qosor li taw lok għal dan il-każ kienu s-segwenti: L-investigazzjoni li tat lok għall-proċeduri odjerni bdiet in segwitu għal telefonata anonima, li permezz tagħha, il-pulizija ġiet infurmata illi fil-gallerija tal-fond 28, Falspit Apartments, Flat 15, Triq il-Mulett, San Pawl il-Baħar, kien hemm xi pjanti tal-cannabis. Fuq skorta ta' mandat ta' tfittxija, dak in-nhar tas-17 ta' Awissu 2013, intbagħtu fuq il-post in kwistjoni, tlett uffiċjali tal-Pulizija ossia PC 1348 Joseph Campbell, PS 191 Luke Bugeja Persiano u PC 1589 Tarik Sheiq sabiex jagħmlu l-verifiki tagħhom dwar dan ir-rapport.[2]

[1] L-imputazzjoni (c), flimkien mat-talba għall-konfiska tal-arma u l-munizzjoni u għat-tħassir jew sospensjoni tal-liċenza, immarkata (i), ġiet miżjuda fuq talba tal-Prosekuzzjoni, liema talba ntlaqgħet permezz ta' digriet ta' din il-Qorti tal-1 ta' Lulju 2015.
[2] Ara x-xhieda tal-Ispettur (illum Assistent Kummissarju) Dennis Theuma, a fol. 83 sa 86 tal-proċess.

Mix-xhieda ta' PC 1348 Joseph Campbell[3], jirriżulta illi hu flimkien mal-kollegi tiegħu PS 191 u PC 1589 marru fuq il-post in kwistjoni u telgħu fuq il-bejt ta' appartament viċin dak tal-imputat. Minn hemmhekk bdew jittawlu għal ġol-gallerija tal-fond sabiex jivverifikaw jekk dik il-pjanta kinitx pjanta tal-cannabis. Dehrilhom illi l-pjanta li raw kienet simili għal tali pjanta u għalhekk, fil-waqt illi PC 1348 Joseph Campbell baqa' għassa minn fuq il-bejt, PS 191 u PC 1589 niżlu sabiex jaċċedu ġewwa l-appartament tal-imputat. Mix-xhieda ta' PC 1589 Tarik Sheiq[4], jirriżulta illi hekk kif niżlu minn fuq il-bejt għall-partijiet komuni tal-blokk, sabu l-bieb tal-appartament tal-imputat miftuħ. PC 1589 Tarik Sheiq jgħid illi fil-gallerija tal-appartament sabu pjanta tal-cannabis u b'kollox instabu żewġ pjanti, kif jikkonferma wkoll PC 1348. PC 1589 jgħid ukoll illi waqt it-tfittxija nstab ukoll *envelope* bil-weraq niexef, liema *envelope* kien qiegħed f'vażun.

Jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' PC 1348 u PC 1589, illi waqt it-tfittxija nstabet arma tan-nar fuq il-persuna tal-imputat, kif ukoll skont PC 1348, xi munizzjon.[5]

Skont ir-relazzjoni tal-esperti tal-ballistika[6], l-ex Brigadier Maurice Calleja u PS 602 Jonathan Attard, maħtura fl-istadju tal-inkjesta dwar dan il-każ sabiex jeżaminaw u jirrelataw dwar is-sejba tal-arma u l-munizzjon in kwistjoni, ir-*revolver* kien tal-kalibru .38 u tip li jissejjaħ *British Bulldog*. L-istess *revolver* jieħu sitt balal fir-romblu tiegħu u kull meta jingħafas il-grillu, dan jispara. Dwar il-*bullets*, jirriżulta mill-istess relazzjoni illi b'kollox kien hemm sittax-il balla, kollha tal-kalibru .38, ossia l-istess kalibru tar-*revolver*. L-istess *bullets* kienu kollha kkargati.

Mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut[7], ukoll maħtur fil-mori tal-inkjesta, jirriżulta illi huwa ngħata ħames dokumenti għall-analiżi tiegħu u ċioe` s-segwenti:

a) *Envelope* ta' lewn kannella immarkat 201 li fih kien hemm pjanta;

b) *Envelope* ta' lewn kannella immarkat 202 li fih kien hemm pjanta;

c) *Envelope* ta' lewn kannella immarkat 204 li fih kien hemm weraq ta' lewn aħdar;[8]

---

[3] Ara din ix-xhieda a fol. 77 sa 80 tal-proċess.
[4] Ara din ix-xhieda a fol. 91 sa 94.
[5] Ara r-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officer* PS 826 Matthew Parnis, maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-każ, għar-rigward tal-oġġetti elevati, a fol. 44 *et seq* tal-proċess u r-ritratti esebiti u formanti parti mir-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officer* PC 650 Justin Tabone, a fol. 52 sa 70 tal-proċess.
[6] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 21 *et seq* tal-proċess.
[7] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 31 *et seq* tal-process.

d) *Envelope* ta' lewn kannella immarkat 205 li fih kien hemm bott tal-plastik bil-kliem "Seven Seas" li fih kien hemm trab ta' lewn aħdar;

e) *Envelope* ta' lewn kannella immarkat 206 li fih kien hemm weraq ta' lewn aħdar.

Dwar dawn id-dokumenti, l-espert ikkonkluda bil-mod segwenti:

a) Illi fuq estratti meħuda mill-weraq u mill-pjanti nstabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*. Il-piż totali tal-weraq, esklużi l-għeruq u z-zkuk, kien ta' 17.96 grammi u l-purita` kienet ta' ċirka 8%. Is-sustanza cannabis hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima III, Sezzjoni 8 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Jirriżulta wkoll mill-istess relazzjoni illi l-weraq taż-żewġ pjanti kellhom piż rispettiv ta' 4.74 grammi u 8.91 grammi, fil-waqt illi l-bqija tal-weraq fid-dokumenti mmarkati 204 u 206 kellhom piż rispettiv ta' 0.60 grammi u 3.71 grammi.

L-imputat irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva nhar it-18 ta' Awwissu 2013 u cioe` l-għada ta' din is-sejba, wara li huwa ngħata s-solita twissija d-dritt illi jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx.

L-Ispettur Theuma xehed illi l-imputat ikkopera bis-sħiħ mal-Pulizija matul l-investigazzjoni tagħha. Huwa jgħid illi minn dak illi nstab ġewwa l-fond in kwistjoni, irriżulta illi l-imputat huwa dilettant tal-għasafar. Jgħid ukoll illi l-biċċiet żgħar tal-pjanta cannabis illi nstabu kienu ta' daqs li bihom wieħed jista' jżoqq l-għasafar. Żied jgħid illi ma rriżultax mill-investigazzjoni illi l-imputat kellu xi intenzjoni ta' spaċċ jew li kien qiegħed ibiegħ id-droga lil terzi u li *semmai* l-cannabis kienet intiża għall-għasafar.[9]

L-imputat għażel illi jixhed f'dawn il-proċeduri.[10] Huwa kkonferma illi huwa kellu żewġ xtieli li kien iżommhom fil-gallerija. Xehed illi dawn kienu t-tilqit tal-għasafar, konsistenti fi skalora, *sunflower* u qanneb. Billi kien jaf li dawn kienu tajbin għall-vrieden u jgħinuhom fin-namra tagħhom, huwa kien iqatta' minn dawn il-pjanti u jagħtihom lill-għasafar. Xehed illi meta marru l-pulizija

[8] Skont ir-relazzjoni ta' PS 826 Matthew Parnis, dan id-dokument kien jikkonsisti f'ammont żgħir ta' grass li kien jinsab f'tazza tal-ħġieġ, liema sustanza ġiet wara mpoġġija f'*envelope* tal-karti żgħir (ara a fol. 46 tal-proċess).

[9] Ara a fol. 83 sa 86 tal-proċess.

[10] Ara din ix-xhieda a fol. 96 sa 100 tal-proċess.

għandu, dawn sabu l-bieb miftuħ u żied jgħid ukoll illi l-bieb tiegħu dejjem miftuħ għaliex hu ma kellux biża. Mistoqsi mill-Qorti x'kien qed jiżra, l-imputat wieġeb hekk:

"*Xhud:* *Kelli barmil bis-sunflower, zerriegha tas-sunflower u jitilghu u kelli l-qanneb.*

*Qorti:* *U l-qanneb minn fejn gie?*

*Xhud:* *Mieghu kien.*

…

…

*Avukat:* *Kont taf li dawn ix-xtieli huma llegali?*

*Xhud:* *Le ma kontx naf li llegali. Qanneb mhux hazina nahseb jien.*"[11]

In kontro-eżami, huwa kkonferma illi l-istess pjanti kienu għall-għasafar u mistoqsi kif spiċċa juża l-weraq tal-cannabis biex jagħlef il-vrieden, huwa wieġeb illi wieħed Għawdxi qallu li hekk kienu jagħtuhom (lill-vrieden) għan-namra u jżid jgħid ukoll "*U veru jigifieri*" u li kellu riżultati tajbin.[12] Fix-xhieda tiegħu, l-imputat jgħid ukoll illi fil-pussess tiegħu nstab *revolver* u li f'dan ir-rigward wara l-każ, huwa ħallas l-pendenzi li kellu mad-Dwana.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fl-ewwel lok, il-Qorti ser tikkunsidra l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat. Jirriżulta mill-atti illi l-imputat irrilaxxja din l-istqarrija fit-18 ta' Awwissu 2013 wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi u wara li ngħata d-dritt li jottjeni parir legali qabel tali stqarrija, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx. Madankollu, l-imputat ma ngħatax id-dritt għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju tiegħu, stante illi dan id-dritt ma kienx viġenti fiż-żmien tal-każ odjern. Dan id-dritt daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

Il-Qorti hawnhekk tirreferi għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali riċentement fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak

[11] Ara din ix-xhieda a fol. 96 sa 100 tal-process.
[12] A fol. 99 tal-proċess.

l-istadju ma jgħid xejn lill-pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

"*36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess <u>it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih</u>. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali.*" [sottolinear tal-Qorti]

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali – f'dak il-każ, kuntrarjament għal dan il-każ, l-eżitu in kwantu l-piena u mhux in kwantu l-ħtija o meno tal-istess rikorrenti la darba huwa rreġistra ammissjoni fil-proċeduri – u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu. F'dan il-każ, għalhekk, din il-Qorti jidhrilha illi iżjed u iżjed għandha tqis l-istqarrija tal-imputat odjern, li kienet ta' preġudizzju għalih u timpinġi direttament fuq is-sejbien ta' ħtija o meno tiegħu f'dawn il-proċeduri, bħala inammissibbli u għalhekk qegħda tiskartaha. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza riċenti tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Claire Farrugia</u>**, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom

ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, liema dritt bħal fil-każ odjern hija għażlet li ma teżercitahx, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni. Fid-dawl ta' dawn is-sentenzi u anke tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna u tal-Qorti Ewropea hemmhekk ċitati, il-Qorti ser tiskarta l-istqarrija tal-imputat odjern, kif ukoll kwalunkwe referenza għal tali stqarrija u għal kwalunkwe dikjarazzjoni tal-imputat, anke lill-Uffiċjali tal-Pulizija li għamlu t-tfittxija, bħala inammissibbli.

**Ikkunsidrat ukoll:**

<u>Permezz tal-ewwel imputazzjoni</u>, l-imputat qed jiġi akkużat talli kkoltiva l-pjanta cannabis. M'hemmx dubju mill-provi prodotti illi fil-pussess tal-imputat instabu żewġ xtieli tal-cannabis, li skont hu, kien żeragħhom huwa stess. Effettivament, mit-trattazzjoni finali tagħha, jirriżulta illi d-difiża m'hijiex tikkontesta l-att materjali tar-reat u dan fis-sens illi jirriżulta ċar illi l-imputat ikkoltiva l-pjanti tal-cannabis, iżda dak li qegħda tikkontesta d-difiża huwa l-att formali ossia l-element tax-xjenza fl-imputat. La darba r-reat li jinsab akkużat bih l-imputat huwa delitt, jeħtieġ illi jirriżulta mhux biss l-att materjali iżda anke dak formali, iżda skont l-abbli difiża, dan l-element ma jirriżultax. Fil-fehma tad-difiża għalhekk, l-imputat ma kienx jaf illi dik li kien qiegħed jikkoltiva kienet il-pjanta tal-cannabis.

Il-Qorti madankollu ma taqbilx mat-teżi tad-difiża. Mix-xhieda tal-imputat anzi jirriżulta ċar illi huwa kien jaf ben tajjeb illi dak li kien żera kien qanneb, għalkemm skont hu, ma kienx jaf li tali koltivazzjoni kienet illegali, anke għaliex kienet intiża biss għall-għasafar. L-imputat għal darba tnejn jgħid illi fost dak li kien żera, kien hemm ukoll il-qanneb u li dan għamlu proprju għaliex terza persuna qaltlu illi l-weraq tal-cannabis jingħataw lill-vrieden għan-namra. Għalhekk mhux talli l-imputat kien ben konxju ta' dak li kien qiegħed jikkoltiva u jagħlef lill-għasafar tiegħu, talli kien ukoll tassew kuntent bir-riżultat, għaliex wara li għamel dak li ġie ssuġġerit lilu, sab li dan kien minnu u effettivament kellu riżultati tajbin. Jekk l-imputat, kif jgħid fix-xhieda tiegħu, ma kienx jaf illi tali koltivazzjoni hija llegali, allura dan ma jserviehx ta' skużant u ċertament illi ma jeżentahx mir-responsabilita` kriminali - *ignorantia legis neminem excusat*. Il-motiv jew il-movent li wassal lill-imputat sabiex ikabbar dawn il-pjanti, mil-liema l-Qorti m'għandhiex l-iċken dubju, anke għaliex kellha l-opportunita` li tifli l-komportament tal-imputat fuq il-pedana tax-xhieda, lanqas ma jista' jservi sabiex jiskriminah. Minkejja illi l-Qorti tqis illi tali movent għandu jittieħed in konsiderazzjoni bħala attenwant għal fini tal-piena, biss fil-mument li l-imputat imqar żera żerriegħa waħda ġerminabbli fil-qasrija u din iż-żerriegħa nibtet, ġie kkunsmat ir-reat ta' koltivazzjoni. Jirriżulta għalhekk illi

jissussistu sew l-element formali, kif ukoll l-element materjali tar-reat, ossia l-intenzjoni kriminuża konsistenti sew fil-volontarjeta', kif ukoll fil-konsapevolezza tal-att materjali.

Eżaminati l-fatti u ċ-ċirkostanzi, il-Qorti għalhekk tqis illi l-ewwel imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

Permezz tat-tieni imputazzjoni, l-imputat qiegħed jiġi akkużat bir-reat ta' pussess tal-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha. Għar-raġunijiet premessi u a skans ta' ripetizzjoni żejda, huwa evidenti illi anke din l-imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, b'dan illi l-Qorti ser tqis ir-reat fl-ewwel imputazzjoni bħala mezz għal fini sabiex jiġi mwettaq ir-reat fit-tieni imputazzjoni u ser tapplika fir-rigward il-piena għar-reat l-iżjed gravi, ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz tat-tielet imputazzjoni, l-imputat qed jiġi akkużat ukoll talli fl-istess jum, huwa kellu fil-pussess tiegħu arma u/jew munizzjon mingħajr ma kellu liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 5(1) tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta. Mill-provi prodotti, jirriżulta ċar illi l-imputat kellu fil-pussess tiegħu arma tan-nar, ossia *revolver*, anke kif ammess minnu stess fix-xhieda tiegħu, kif ukoll munizzjon, konsistenti f'sittax-il balla. Fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2016, id-difiża kkonċediet illi l-imputat "*ma kienx munit b'liċenzja għall-arma mertu tal-każ*" u dan kif jirriżulta mill-verbal tal-istess seduta.

Għaldaqstant, anke din l-imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

## Kunsiderazzjonijiet dwar Piena

Għal fini ta' piena, il-Qorti qegħda tqis fl-ewwel lok, illi l-imputat ikkopera bis-sħiħ mal-pulizija waqt l-investigazzjoni tagħha. Tqis ukoll il-fedina penali tal-imputat fiż-żmien mertu tal-każ.

Tikkunsidra wkoll dak li wassal lill-imputat sabiex jikkoltiva l-pjanti tal-cannabis ossia sabiex jagħlef l-għasafar u illi la jirriżulta mill-provi li kien huwa stess jagħmel użu mill-pjanta u wisq anqas illi kellu l-intenzjoni ta' spaċċ. Sfortunatament, madankollu, il-liġi sal-lum għadha timponi piena ta' priġunerija tassattiva la darba ma japplikawx iċ-ċirkostanzi ndikati fl-Artikolu 7 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, u għaldaqstant il-Qorti tista' tqis il-movent tal-imputat biss sabiex tikkalibra l-piena ta' priġunerija fil-parametri tal-liġi, iżda m'għandha l-ebda diskrezzjoni li timponi piena alternattiva.

Għal fini tat-tielet imputazzjoni, imbagħad, il-Qorti qegħda tapplika l-ewwel proviso tal-Artikolu 51(2) tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta. Qegħda wkoll tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 in kwantu l-multa applikabbli fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni u dik li ser timponi fir-rigward tat-tielet imputazzjoni.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(ċ), 8 (d), 22(1)(a), 22(1B) u 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 5(1), 51(2) u l-ewwel proviso tal-istess artikolu tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 17(f) u (h) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet (a), (b) u (ċ) kif dedotti kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' sitt (6) xhur priġunerija effettiva u piena ta' multa ta' elf u mitejn ewro (€1,200), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tista' titħallas mill-ħati b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit f'piena ta' priġunerija skont il-liġi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż tal-esperti maħtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta ossia s-somma ta' mija, ħamsa u tletin ewro u tminn ewro ċenteżmi (€135.08), rappreżentanti spejjeż konnessi mar-relazzjoni tal-esperti tal-ballistika, is-somma ta' mitejn u ħmistax-il ewro u wieħed u erbgħin ewro ċenteżmu (€215.41), rappreżentanti spejjeż konnessi mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, is-somma ta' erbgħa u erbgħin ewro u sitta u għoxrin ewro ċenteżmu (€44.26), rappreżentanti spejjeż konnessi mar-relazzjoni esebita mis-*Scene of the Crime Officer* PS 826 Matthew Parnis u s-somma ta' mija u tminn ewro u sebgħa u għoxrin ewro ċenteżmu (€108.27), rappreżentanti spejjeż konnessi mar-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officer* PC 650 Justin Tabone, ammontanti komplessivament tali spejjeż għas-somma ta' ħames mija u tlett ewro u żewġ ewro ċenteżmi (€503.02), liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien sitt (6) xhur mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tal-arma u l-munizzjon in atti favur il-Gvern ta' Malta u ai termini tal-Artikolu 57 tal-istess Kapitolu, tissospendi kwalunkwe liċenza li l-ħati jista' jkollu taħt l-istess Att u tipprojbih milli jkollu tali liċenza għal żmien tmintax-il xahar mil-lum.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat